Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,679, 6 ta' Awwissu, 2021
Taqsima B

A.L. 325 tal-2021

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP. 123)

Regoli tal-2021 li jemendaw ir-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Ċerti Trasferimenti ta' Proprjetà (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 12(2) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2021 li jemendaw ir-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Ċerti Trasferimenti ta' Proprjetà (Emenda Nru 2) u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Ċerti Trasferimenti ta' Proprjetà, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali". L.S. 123. 199.

Jemenda r-regola 3 tar-regoli prinċipali.

2. Ir-regola 3 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) tagħha għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subparagrafu (i) tiegħu, il-kliem "l-1 ta' Awwissu 2021" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-1 ta' Jannar 2022"; u

(ii) fis-subparagrafu (ii) tiegħu, il-kliem "mit-31 ta' Awwissu 2021" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-31 ta' Jannar 2022";

(b) il-paragrafu (b) tagħha għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subparagrafu (i) tiegħu, il-kliem "l-1 ta' Frar 2022" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-1 ta' Lulju 2022";

(ii) fis-subparagrafu (ii) tiegħu, il-kliem "mill-31 ta' Lulju 2021" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-31 ta' Diċembru 2021"; u

(iii) fis-subparagrafu (iii) tiegħu, il-kliem "mil-28 ta' Frar 2022" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-31 ta' Lulju 2022".